# *Bir Miftuħ u Llum*



Il-Gudja hi waħda mill-eqdem irħula ta' dawn il-gżejjer, li fis-seklu ħmistax kienet diġà magħduda bħala waħda mill-parroċċi ta' dawn il-gżejjer. Magħha kienet tħaddan bosta rħula tal-qrib.

Il-parroċċa, iddedikata lil Marija Assunta, ma kinetx hawhekk iżda fl-inħawi magħrufa bħala ta' Bir Miftuħ fejn għad hemm kappella b'arkitettura medjevali ddedikata lil Marija Assunta sa llum. Il-Knisja Parrokkjali preżenti bdiet tinbena fi żmien il-Kappillan Dun Ġwann Gatt fl-1956, u dan ix-xogħol dam sejjer għaxar snin sħaħ. Il-Perit Tumas Dingli għamel il-pjanta ta' din il-Knisja Parrokkjali, iżda l-faċċata tagħha, waħda mill-isbaħ fil-gżejjer tagħna nbniet fl-1901 fuq il-pjanta ta' Karlu Farrugia mill-istess raħal u Anġlu Dalli għamel ix-xogħol tal-bini. Għalhekk din is-sena qed niċċelebraw l-għeluq il-100 sena tagħha. Meta nbniet din il-faċċata sarulha żewġ kampnari u hekk din il-knisja ġiet bi tliet kampnari.

Il-kampnar l-antik jinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-Knisja Parrokkjali u nbena fit-tieni nofs tas-seklu dsatax fuq id-disinn ta' William Baker. Fih tinħass l-arkitettura ta' stil Neo Klassiku, li f'dak iż-żmien kienet fl-aqwa tagħha. Dan il-kampnar hu għoli madwar mija u żewġ piedi u fih għandu sett qniepen li nġiebu mid-ditta ta' *John Warner and Sons* ta' Londra u arloġġ maħdum minn Mikielanġ Sapiano fis-sena 1860.



Għandna għaliex niftaħru li Mikielanġ beda l-karriera tiegħu bl-arloġġ tagħna. Huwa twieled l-Imqabba, fid-19 ta' Marzu 1826 iben Baskal u Tereża Agius. Iżżewweġ lil Mikelina Mifsud, xebba minn Ħal Luqa, fl-1847 u għażel li jmur joqgħod pajjiż martu. Meta Mikelina, l-ewwel mara tiegħu mietet, Sapiano żżewweġ lil oħtha Marjanna, fl-1857. Għex Ħal Luqa fejn miet fit-2 ta' Diċembru 1912.

Missieru ried irawmu s-sengħa ta' mastrudaxxa, l-aktar fejn tidħol l-għodda tal-biedja, għalhekk bagħtuh jitgħallem is-sengħa għand Ġużeppi Bugeja s-Siġġiewi. F'ħin il-mistrieħ kien imur jara lill-arluġġar Kalċidon Pisani, jaħdem ġewwa l-ħanut li kellu qrib dak ta' l-imgħallem tiegħu.

Minn hawnhekk nibtet ġewwa fih il-ħajra li jitgħallem is-sengħa ta' arluġġar, telaq lill-imgħallem Bugeja u beda jmur għand Ġan Anton Tanti, ħaddied, funditur u arluġġar magħruf, fil-ħanut li kellu l-Marsa, fejn trawwem fis-sengħa ta' arluġġar. Ta' erbatax-il sena fetaħ ħanut għat-tiswija ta' l-arloġġi ġewwa raħal twelidu l-Imqabba. Meta l-arloġġ tal-Knisja ta' l-Imqabba (maħdum minn Ġan Anton Tanti fl-1759, l-imgħallem li kellu Sapiano) ġratlu l-ħsara, kien Sapiano li sewwieh wara li kienu bosta l-arluġġara li ppruvaw u ma rnexxewx.

Minn hawn 'il quddiem Mikielanġ Sapiano ħa l-fama ta' arluġġar prim. Huwa ma baqax biss fuq it-tiswija, beda wkoll jaħdem l-arloġġi. Għall-

• *ikompli f'paġna 47*



• *ikompli minn paġna 45*

arloġġ ta' l-idejn li huwa ħadem fl-1857, ġie mogħti ċertifikat u midalja, mis-Soċjetà Arti, Manifattura u Kummerċ. Ħadem bosta arloġġi kbar għall-knejjes u bini kbir ieħor. L-ewwel arloġġ kbir li ħadem kien għall-Knisja tal-Gudja, fl-1860. Jingħata l-ħabel minn ħdejn il-kwadrant u żewġ kontrapiż jiddendlu 'l isfel għal ġol-kampnar.

Fl-1862 bħalma għidna ħadem ta' Ħal Kirkop, fl-1872 ta' H'Attard, fl-1873 tal-Kalkara, fl-1873 ħadem l-arloġġ tax-xatt tal-Marsa, fl-1875 ta' Stella Maris, Sliema, Mellieħa u Xewkija. Fl-1877 ħadem l-arloġġ taċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, Nadur u Sannat. Fl-1878 dak ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi u dak tal-Knisja ta' San Pawl ta' B'Kara. Fl-1881 ta' Ħal Luqa u fl-1882 ta' Ħaż-Żebbuġ.



*Il-magna ta' l-arloġġ*

Fl-1888 ħadem dak tal-Knisja ta' Sta Katarina ta' Lixandra. Fl-1889 ħadem tal-Mosta. Fl-1893 ħadem ta' Bormla u tas-Siġġiewi fl-1894. Fl-1894 il-Gvernatur qabbdu jirranġa l-arloġġ tal-palazz tal-Belt, peress li kien dejqu jdoqq bil-lejl. Sapiano rranġah li bejn is-sitta ta' filgħaxija u s-sitta ta' filgħodu ma jdoqqx.

Fost l-arloġġi li Sapiano ħadem ġew imfaħħra ħafna tnejn, dak tal-Knisja ta' Santa Katarina ta' Lixandra li kellu l-mekkaniżmu f'post, iħaddem erba' kwadranti u fl-istess ħin iħaddem arloġġ fis-sagristija, sebgħin pied bogħod. Arloġġ ieħor li ġie mfaħħar għaliħ, kien dak tax-Xatt tal-Marsa, dan għaliex barra l-ħin regulari, kien jagħti s-sinjal erba' darbiet kuljum x'ħin kellhom jibdew u jieqfu l-ħaddiema tax-xatt. Il-Ħadd ma kienx idoqq il-ħin tax-xogħol.

Fl-1908 ġie onorat, bl-ogħla unur, li s-Soċjetà Arti, Manifattura u Kummerċ, setgħet tagħti, midalja tad-deheb, għall-ħila u kapaċità mhix tas-soltu li wera fix-xogħol tiegħu dak ta' arluġġar li għamlu magħruf kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna.

Dawn l-aħħar snin kien ġralu ħsarat kbar u kien maħsub li ma setax jissewwa, daħal għal din il-biċċa xogħol is-Sur Ġanni Dalli mill-Gudja li joqgħod il-Fgura u l-arloġġ reġa' ġie qisu ġdid.


